

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Alfred Hartmann (Leer, il-Ġermanja)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Settembru 2011 fil-Każ R 2262/2010-1;
- tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka: trade mark verbali "ATLAS TRANSPORT" għal servizzi fil-klassi 39.*

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti.

Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja: Alfred Hartman.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: applikazzjoni għar-revoka miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ.

Motivi invokati: Ksur tar-Regola 40(5), flimkien mar-Regola 22, tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 2868/95 minħabba evalwazzjoni żbaljata tal-provi; ksur tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009, peress li, fl-interpretazzjoni litterali tiegħu, il-konvenut indirizza l-kwistjoni biss ta' jekk kienx hemm użu leġittimu tat-trade mark għas-servizzi korrispondenti; ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li, fid-determinazzjoni tat-tifsira tat-terminu "trasport", il-konvenut irrefera biss għal sors wieħed u għalhekk evalwa dan it-terminu mingħajr id-debita attenzjoni u b'mod insuffiċċenti; ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, peress li l-konvenut naqas milli jesprimi b'mod ċar ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-opinjoni legali tiegħu; ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 75 u tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 minħabba ksur tad-dritt għal smiġħ.

---

Rikors ippreżzentat fis-17 ta' Novembru 2011 —  
Phonebook of the World vs UASI — Seat Pagine Gialle  
**(PAGINE GIALLE)**

**(Kawża T-589/11)**

(2012/C 32/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Phonebook of the World (Pariġi, Franza) (rappreżentant: A. Bertrand, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Seat Pagine Gialle SpA (Milano, l-Italja)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-4 ta' Awwissu 2011 fil-Każ R 1541/2010-2;
- tiddikjara invalida r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja "PAGINE GIALLE" Nru 161380, irregestrata fir-rigward tal-klassijiet 16 u 35 mill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż ta' din l-istanza.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "PAGINE GIALLE", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16 u 35 — Reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 161380*

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: il-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità bbażat it-talba tagħha fuq l-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, jiġifieri fuq l-argument li t-trade mark Komunitarja kienet irregestrata bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1)(c) u (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 52(1)(a) flimkien mal-Artikoli 7(1)(b) sa 7(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, sa fejn il-Bord tal-Appell irrifjuta li japplika l-prinċipi ġenerali tad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari l-prinċipi stabbiliti fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża T-322/03, Telefon & Buch vs UASI — Herold Business Data (WEISSE SEITEN), u rrifjuta wkoll li japplika l-konstatazzjoni jiet tiegħu stess fis-sens li l-kliem "PAGINE GIALLE" ma kellhomx karattru distintiv għall-pubbliku Taljan.